

L-EUSPA tippublika Rapport ġdid dwar is-Suq tal-Osservazzjoni tad-Dinja u n-Navigazzjoni bis-Satellita

EUSPA/PR/21/01 Praga, 25 ta' Jannar 2022

Il-Programm Spazjali tal-UE huwa faċilitatur tat-tkabbir tan-negozju li jstimula l-ekonomija u jtejjeb l-innovazzjoni. Ir-Rapport tal-EUSPA dwar is-Suq tal-Osservazzjoni tad-Dinja u tal-GNSS huwa l-gwida aħħar għal kull min ifittex li jagħmel it-teknoloġiji tal-UE tan-Navigazzjoni bis-Satellita u tal-Osservazzjoni tad-Dinja parti mill-pjan kummerċjali tiegħu u li jiżviluppa applikazzjonijiet spazjali downstream ġodda.

Is-soċjetà qed tiddependi aktar minn qatt qabel fuq soluzzjonijiet innovattivi biex tindirizza l-mudell tal-big data, twieġeb u ttaffi d-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, tnaqqas it-tixrid tal-mard u ssaħħaħ katina tal-provvista globali li tiffred il-ħajja tagħna ta' kuljum. *Id-data* dwar l-Osservazzjoni tad-Dinja (EO) u s-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) qed issir dejjem aktar importanti għal dawn is-soluzzjonijiet innovattivi permezz ta' għexieren ta' applikazzjonijiet li qed jiffaċċaw jew li diġà qed jintużaw miċ-ċittadini, min-negozji, mill-gvernijiet, mill-industrija, minn organizzazzjonijiet internazzjonali, NGOs u riċerkaturi madwar id-dinja. **FI-2021, is-suq downstream tal-GNSS u tal-EO ġġenera aktar minn EUR 200 biljun fi dħul u huwa mistenni jilħaq kważi nofs triljun matul id-deċennju li jmiss.**

Biex jgħinuk tapprezza u tisfrutta aħjar il-benefiċċji sħaħ tat-teknoloġija spazjali, l-esperti tal-EUSPA ikkumpilaw ir-*"Rapport tas-Suq tal-EUSPA dwar l-EO u l-GNSS"*. L-istudju eżawrjenti jipprovdi informazzjoni analitika dwar is-swieq dinamiċi tal-GNSS u tal-EO, flimkien ma' analiżi fil-fond tal-aħħar xejriet u żviluppi globali permezz ta' eżempji dettaljati u każijiet ta' użu. BI-użu ta' mudelli ekonometriċi avvanzati, dan joffri wkoll tbsir sal-2031 tal-evoluzzjoni tas-suq tal-vjeġġi tal-GNSS jew tad-dħul tal-EO.

Filwaqt li jagħti prijorità lil Galileo/EGNOS u Copernicus, ir-rapport jenfasizza r-rwol essenzjali tad-*data* spazjali fi **17-il segment tas-suq** inklużi, l-Agricoltura; l-Avjazzjoni u d-Droni; il-Bijodiversità, l-Ekosistemi u l-Kapital Naturali; is-Servizzi Klimatiċi; Soluzzjonijiet għall-Konsumaturi, it-Turiżmu u s-Saħħa; il-Ġestjoni tal-Emerġenza u l-Għajnuna Umanitarja; l-Enerġija u l-Materja Prima; il-Monitoraġġ Ambjentali; is-Sajd u l-Akkwakultura; il-Forestrija; l-Infrastruttura; Assigurazzjoni u Finanzi; Passaġġi fuq l-Ilma Marittimi u Interni; il-Ferroviji; it-Toroq u l-Industrija tal-Karozzi; l-Iżvilupp Urban u l-Wirt Kulturali; u l-Ispazju.

Punti ewlenin tar-rapport

- Il-vjeġġi annwali globali tar-riċevituri tal-GNSS se jilhq u 2,5 biljun unità sal-2031, li huma ddominati mill-applikazzjonijiet li jaqgħu taħt is-Soluzzjonijiet għall-Konsumatur, is-segment tat-Turiżmu u tas-Saħħa li jikkontribwixxu madwar 92 % tal-vjeġġi annwali globali;
- FI-EO, minbarra l-akbar swieq bħall-Agricoltura, l-Iżvilupp Urban u l-Wirt Kulturali jew l-Enerġija u l-Materja Prima, is-segment tal-Assigurazzjoni u l-Finanzi huwa mistenni li jesperjenza l-aktar tkabbir mgħaġġel matul l-għaxar snin li ġejjin (21 % tas-CAGR) kemm għad-dħul mid-*data* tal-EO kif ukoll mis-servizz b'valur miżjud;
- Minn perspettiva ta' provvista, l-industrija Ewropea għandha aktar minn 41 % tas-suq downstream globali tal-EO u 25 % tas-suq downstream globali tal-GNSS.

"Il-Programm Spazjali ewlieni tal-UE, xprunat minn Galileo u EGNOS fuq naħa u Copernicus fuq in-naħa l-oħra, sar faċilitatur ewlieni fis-suq tal-applikazzjonijiet spazjali downstream. Bħala aġenzija orjentata lejn l-utent, aħna nipprovdu din l-informazzjoni privileġġjata dwar l-evoluzzjoni tas-swieq lill-utenti tagħna, kemm jekk ikunu innovaturi, imprendituri, investituri, riċerkaturi akkademiċi, manifatturi taċ-chipsets, kif ukoll jekk ikunu sempliċiment persuni li jdur u lejn l-ispazju bħala sors ta' valur għall-attivitatiet tagħhom. Jintwerew ukoll il-valur miżjud u d-differenzi ewlenin tal-GNSS u tal-EO Ewropej, kemm separatament kif ukoll f'sinerġija ma' xulxin. Naf li r-rapport se jkun ta' użu u ispirazzjoni kbira għal dawk li qed jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku tal-UE," jikkonkludi d-Direttur Eżekuttiv tal-EUSPA Rodrigo da Costa.

Ir-rapport jista' [jitniżżel minn hawnhekk](#).

Dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) tipprovdi servizzi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita sikuri u siguri, tipprovdi l-kummerċjalizzazzjoni tad-*data* u s-servizzi ta' Galileo, EGNOS u Copernicus u tikkoordina l-programm governattiv ta' komunikazzjoni bis-satellita GOVSATCOM li jmiss tal-UE. L-EUSPA hija responsabbli mill-akkreditazzjoni tas-sigurtà tal-komponenti kollha tal-Programm Spazjali tal-UE. Billi trawwem l-iżvilupp ta' settur spazjali innovattiv u kompetittiv u tinvolvi ruħha mal-komunità Spazjali kollha tal-UE, l-EUSPA tikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u għat-tranżizzjoni diġitali, is-sikurezza u s-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha, filwaqt li ssaħħaħ l-awtonomija u r-reżiljenza tagħha.

Għal aktar informazzjoni:

Marie Ménard, Uffiċjal tal-Komunikazzjoni tal-EUSPA: Marie.Menard@euspa.europa.eu
Tel: +420 237 766 627 - Mobile: +420 602 619 776